Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 214 :: MARZU 2014

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **28 ta' Marzu, 2014,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## NISTIDNUK GĦALL-*BARBECUE*




Qed nippjanaw li l-*barbecue* se jinżamm fit-tieni Ħadd ta' Marzu, jiġifieri l-Ħadd, 9 ta' Marzu. Bħas-soltu niltaqgħu għand Frank u Draga Bonett, fuq il-propjeta` tagħhom, **125 Blackwells Lane, Bulla**. Bħalma jagħmlu kull sena, Frank u Draga jkunu tant ġentili li jilqgħuna għandhom biex inqattgħu nofstanhar flimkien. Nispera li l-membri kollha jiġu biex ikollna numru sabiħ. Niltaqgħu għal xi l-11.30 am. Ikollna *barbecue* fejn il-Grupp jieħu ħsieb ta' kollox: laħam, salads, inbid, xorb minerali, te u kafe`, eċċ. Ejjew u ħudu pjaċir. Naturalment, ġibu magħkom platti, tazzi, eċċ u xi qari. Hu importanti li dawk li fi ħsiebhom jiġu, iċemplu lil **Salvina Vella** fuq **9460-4404 jew *Mobile* 0409 961 928.** Dawk li jużaw l-*internet* ikunu jistgħu jibagħtu *email* lil Salvina Vella fuq **paul.vella44@gmail.com** biex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti għall-ikel. Għal dawk li forsi din se tkun l-ewwel darba li jiġu għand Frank u Draga, qiegħed nipproduċi mappa biex forsi tkun ta' għajnuna għalikom biex issibu l-post aktar malajr. Nixtieq nieħu din l-opportunita` biex għal darb'oħra nirringrazzja lil Frank u lil Draga li ta' kull sena jilqgħuna għandhom. Napprezzaw ħafna.

## "BUSHFIRE SUMMER" — *Ktieb ġdid minn Lou Drofenik*




Prof. Lou Drofenik, membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ippubblikat ħafna kotba (bl-Ingliż). Dan hu l-aħħar xogħol tagħha. Miktub fuq in-nirien kbar ta' *Black Saturday* fil-Victoria, dan huwa rumanz ta' kuraġġ, telfa u ir-realizazzjoni li xi minn daqqiet il-mirakli jistgħhu iseħħu. *Bushfire Summer* jieħu lill-qarrej f'sajf li qatt ħadd ma jista' jinsieh. Dan huwa rumanz li jiċċelebra l-ħajja ta' dawk l-individwi li jgħixu 'il bogħod mill-ibliet kbar Awstraljani, il-ġenerożita` u l-eroiżmu tagħhom fl-eqqel żminijiet.

F'dan ir-rumanz għandna żewġ karattri Maltin li ntbagħtu l-Awstralja fil-ħamsinijiet bħala *Child Migrants*, fuq skema tal-Gvern ta' dak iż-żmien.

Hija interessat ruħha f'din l-iskema wara li rat id-dokumentarju mill-BBC *The Leaving of Liverpool*, u saret taf li tlett mija u għaxart itfal Maltin kienu involuti f'din l-iskema. Dawn it-tfal marru fil-Western Australia. Min dak iż-żmien bdiet riċerka fejn qrat kull ma setgħet, u semgħet stejjer fuq dawn it-tfal kemm fl-Awstralja kemm ukoll f'Malta. Prof. Drofenik kienet inqabdet fin-nirien tal-2009 u tiddedika *Bushfire Summer* lil binha Peter li kien magħha. Ir-ritratt fil-paġna ta' quddiem huwa ta' parti mis-siġra tal-metall li kienet inizzjattiva li ħadmu fiha ħaddieda minn madwar id-dinja. Din hija tifkira ta' dawk li tilfu ħajjithom fis-7 ta' Frar 2009, tal-pumpieri u tal-kommunitajiet li ġew affettwati min nirien.
*Bushfire Summer* jista' jinkiseb mingħand Lou Drofenik fuq loudrof@hotmail.com jew **0437 374 730**

## NIFIRĦU LILL-MEMBRU TAGĦNA, MANWEL CASSAR



Għan-nom tal-Kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija nixtieq nifraħ lill-membru tagħna Manwel Cassar li għadni kemm sirt naf li r-ricerka li ghamel sthaqqet li jinghata l-grad ta' Master of Arts mil-Victoria University. Il-konferiment jingħatalu f'ċerimonja aktar 'il quddiem. L-isem tat-teżi tiegħu, li hi twila 166 faccata A4, jisimha *Mixed Hues on the Palette: Reflections of the Diasporic Artist Painting Across Two Landscapes.* Prosit, Manwel!

## IMUT IL-BARUNI KELINU VELLA HABER

Nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar 2014, tħabbret il-mewt tal-Baruni Kelinu Vella Haber. Il-quddiesa tal-funeral saret fil-Knisja Parrokkjali tal-Gżira nhar il-Ħamis, 30 ta' Jannar, fit-8.30 ta' filgħodu. Kelinu Vella Haber li twieled fl-1 ta' Ottubru tal-1913 kien wieħed mill-pilastri tal-Ilsien Malti u li ħadem qatigħ biex dan ilsienna jakkwista l-livell li jixraqlu. Dan għamlu fi żminijiet diffiċli. Kelinu ħalliena imma x-xogħol li għamel f'ġieħ il-Malti u l-letteratura Maltija ma jintesa qatt. Kull min hu interessat fil-ħajja u fix-xogħol ta' dan il-bniedem jista' jara l-ktieb ta' Paul P. Borg, Kelinu Vella Haber - Ħidmietu u l-Moviment tal-Malti (Mizzi Design and Graphic Service, 2003).



***Il-Baruni Kelinu Vella Haber ftit xhur ilu.***

## IL-LAQGĦA TA' JANNAR



Fil-laqgħa tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Jannar, fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, madwar 20 membru attendew, u qraw xi materjal minn tagħhom jew ta' kittieba oħra. Joe Camilleri qralna l-kitba tiegħu, "Ċensa tikteb liz-zijiet f'Malta"; Dr Victor Sammut qralna xogħol ta' Publius Bugeja, "Kulħadd għandu salib" u "Ipokrita`" kif ukoll "Meta" ta' Jimmy Buhagiar; filwaqt li Manwel Cassar qara poeżiji ta' Andrew Sciberras "Moħħ" u "Mater Dolorosa", żewġ poeżiji ta' Ġorġ Borġ "Bħal tifel", "Ċrieki" u "Fil-Kappella", u tnejn minn tiegħu "Ħin għalija" u "Parabbola". Michael Xuereb qara' poeżija ta' Mary Meilak "Ġejja x-xita" u l-poeżija "Omm" tal-Poeta Nazzjonali Malti, Dun Karm Psaila. Qabel dawk preżenti ħadu kikkra te jew kafe` u xi biċċa kejk, ħadu ritratt għall-okkażjoni. Fir-ritratt jidhru fuq wara mix-xellug għal-lemin: Joe Lofaro, Charles Attard, Alfred Xuereb, Rosemary Attard, Rose Lofaro, Michael Xuereb, Salvina Vella, Manwel Cassar, Marie Louise Anastasi u Ray Anastasi. Fuq quddiem, mix-xellug għal-lemin: Fr Emmanuel Adami, mssp, Joe Camilleri, Frank Bonett, Joe Bonett, Josephine Cassar, Bernadette Cassar. Mhux fir-ritratt, Paul Vella (wara l-*camera*), Maria u Armando Catania u Dr Victor Sammut li kellhom jitilqu kmieni. Fr Dom De Giorgio bagħat apoloġija.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Grupp jew biex issiru membri, iktbu lil Rosemary Attard, Segretarja, fuq rosemaryattard1@gmail.com u dawk li jixtiequ jirċievu kopja tal-Folju kull xahar permezz ta' *email*, għandhom jiktbu lil Paul Vella fuq paul.vella44@gmail.com

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# LEJLA PAWLINA

L-Akkademja Kulturali Pawlina, flimkien ma' grupp ta' atturi u attriċi ewlenin, ingħaqdu flimkien f'okkażjoni unika biex jagħtu *recital* ta' poeżiji mnebbħin mill-miġja ta' San Pawl f'Malta. Mario Micallef, Karmen Azzopardi, Godwin Scerri , u Nathalie Micallef ippreżentaw serata li fiha ddekalaw b'mod originali poeżiji ta' Dun Karm, kif ukoll il-versi tal-oratorju 'Pawlu ta' Malta' ta' Oliver Friggieri. Is-serata inkludiet intervalli mużikali minn Vince Fabri u d-duo 'Greenfields'. Din il-'Lejla Pawlina' saret fil-kolleġġjata ta' San Pawl, Valletta, nhar is-Sibt, l-1 ta' Frar 2014, fit-8.00pm. Id-dħul kien b'xejn u l-pubbliku kien mistieden li jattendi għal din il-lejla memorabbli. Id-direzzjoni tas-serata kienet f'idejn l-attur magħruf Mario Micallef, li qabel għamel dan il-kumment dwar din il-'Lejla Pawlina': 'Jien konvint li se tkun serata li tagħti pjaċir u ħafna emozzjoni lil kull min se jattendi, speċjalment lil dawk Pawlini. Se tkun serata li żgur se nidħlu fl-atmosfera tal-festa għażiża ta' San Pawl. Se noħolqu ambjent u nippreżentaw *recital* ta' testi f'okkażjoni li rari ssir f'pajjiżna. Ħdimna flimkien biex nipprovdu serata memorabbli f'kull aspett.'

***<u>Nirringrazzja lil Patrick Sammut għall-permess biex nuża dan li ġej, meħud minn "IL-PONT"</u>***

# POETESSA MALTIJA REBBIEĦA TA' KONKORS INTERNAZZJONALI

Jane Micallef rebħet it-32 edizzjoni tal-Concorso Internazionale Città di Quarrata 2013. Dan il-konkors tal-poeżija kien fih żewġ taqsimiet, waħda għal residenti Taljani b'diversi sezzjonijiet, u premju speċjali għal poeti barranin. Micallef rebħet din l-aħħar taqsima bil-poeżija Mediterraneo 2011. Il-premjazzjoni saret fl-20 t'Ottubru, f'Villa La Magia (post storiku) fi Quarrata, qrib Firenze. Micallef attendiet għall-premjazzjoni, u ntlaqgħet tajjeb ferm. Il-poetessa Maltija rebħet is-somma ta' 350 euro u hamper bi prodotti lokali. Il-ġurija kienet magħmula minn persuni distinti mill-Università ta' Firenze. Ħadu sehem mat-800 poeżija.

# KONSULTAZZJONI PUBBLIKA DWAR IL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB

Nhar is-6 ta' Jannar 2014, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb organizza Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb li għaliha ġew mistiedna l-Awturi/Edituri, Pubblikaturi u membri tal-Ġurija li ħadu sehem fil-Konkors Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Ġiet diskussa wkoll is-sistema tal-Public Lending Rights (PLR) li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jibda jaħdem fuqha din is-sena, flimkien mal-Malta Libraries. L-"event" seħħ fis-Sala Castille tal-Grand Hotel Excelsior, fil-Furjana. Intant il-pubbliku għadu ma jafx sal-ġurnata preżenti liema kienu l-kategoriji miftuħin, il-kotba/awturi/edituri/pubblikaturi li ħadu sehem fl-edizzjoni tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2013. L-ebda tagħrif uffiċjali anki dwar ir-rebbieħa ta' kull kategorija. Is-sit www.ktieb.org.mt għadu magħluq.

# STEDINA MILL-AKKADEMJA TAL-MALTI

L-Akkademja tal-Malti stiednet lill-interessati biex jibagħtu poeżiji qosra marbutin ma' okkażjonijiet speċjali - bħalma huma Jum San Valentinu, Jum l-Omm, Jum il-Missier, l-Għid, u l-Ġimgħa l-Kbira - u li jappellaw għal numru kbir ta' qarrejja, biex jidhru fil-paġna tagħha tal-Facebook. Min ma jiktibx poeżiji ġie mitlub jissuġġerixxi poeżiji ta' ħaddieħor.

# LEJLA DWAR POETI MEDJEVALI MALTIN

Inizzjattiva oħra tal-Akkademja tal-Malti kienet dik li seħħet fit-23 ta' Jannar 2014, fil-Moskea, Kordin, f'Raħal Ġdid. Il-kelliem kien il-Prof. Martin Zammit li għamel taħdita bl-isem ta' "Il-Versi Għarbin tal-Poeti Medjevali Maltin: Ħarsa mill-Ġdid".

# LEJLA F'ĠIEĦ KARMENU VASSALLO

L-Akkademja tal-Malti tellgħet ukoll Lejla Kommemorattiva f'ġieħ il-poeta Karmenu Vassallo flimkien mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Dan seħħ nhar il-Ħamis filgħaxija, 30 ta' Jannar, fis-Sala tal-Ambaxxaturi fil-Berġa ta' Kastilja.

# STEDINA BIEX JINTBAGĦAT MATERJAL GĦAL PAĠNA LETTERARJA

Mill-25 ta' Jannar Omar Seguna beda jieħu ħsieb il-Paġna Letterarja ta' l-orizzont. Kull min jixtieq jibgħat kontribuzzjonijiet jista' jikteb fl-indirizz elettroniku pagnaletterarja@gmail.com. Minn hawn nifirħu lil Omar Seguna.

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Grazzi ħafna u qed nerġa' nieħu gost napprezza naqra fuq ħutna l-Maltin fl-Awstralja li għadhom iħobbu lil Malta u l-Malti.
Prosit. F'għaqda ta' talb insellimlek.
Fi Kristu Sidi,
***Patri Crispin Tabone, OFM Cap***

Għażiż Paul, Grazzi mill-qalb li bqajt iżżommni aġġornat ma' ħutna l-Maltin tal-Awstralja.
Kulmeta nirċievi l-Folju, nerġa' niftakar fiż-żmien li għamilt magħkom, l-aktar fi NSW meta kont assistent editur tal-"Maltese Herald" - grazzi għal Lino Vella li bqajna nżommu kuntatt.
Nieħu pjaċir naqra, fuq kollox il-ħidma tagħkom fejn tidħol il-letteratura. Ma nafx għandekx il-kotba tiegħi (2) tal-poeżija u l-ieħor "Il-Festi Tagħna" - pubblikazzjoni PIN fil-kullana kulturali. Jekk le, nara kif nibgħatlek kopja tal-aħħar ktieb tiegħi tal-poeżija "Janus Miljard" - għax l-oħrajn huma "out of print".
Ma nsib ebda problema jekk tippubblika dawn il-kelmtejn fil-Folju - jew parti minnhom.
Tislijiet u mill-ġdid GRAZZI....u kompli b'dil-ħidma!
***Charles Coleiro***

Għażiż Paul, Niżżikħajr tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria għax-xahar ta' Frar 2014. Nixtieq nuri fehmti dwar il-poeżiji. Hemm livell letterarju għoli, ħsibijiet ta' kwalita', sentimenti patrijottiċi koerenti u kontemporanjeta' ħielsa. Dan apparti l-avviżi importanti u l-aħbarijiet interessanti li dan il-Folju jħaddan.

***Mario Griscti.***

## L-ISPAGA TAL-QAWS

L-ispaga
tal-qaws
titriegħed
bil-kbir
mal-ħeġġa
tal-vleġġa
li toħroġ
u ttir.

L-ispaga
tistira
għal ftit,
tistenna
t-tregħida
mill-ġdid.

***Ġorġ Borg*** *(Ċrieki fl-Għadira, Poeżiji)*

## IL-MUNTANJA

Ta' kull sena s-silġ jinħall
minn mal-muntanja
u fuq wiċċha l-grif taż-żmien
jerġa' jidher bħalma kien.

Meta l-festa kollha bjuda
tkun għaddiet
in-natura twaqqa' l-maskra
li tkun bniet.

***Ġorġ Borg*** *(Ċrieki fl-Għadira, Poeżiji)*


Learn Maltese

for fun,pleasure or work!

Join us and embrace our beautiful culture and language.

Classes open to both adults and children.

Please contact
**0406 215 990**
to find out more!

or send us an email
**learnmaltesevic@gmail.com**

Saħħa!


## QUDDIEM WARDA

Ħosbien bilqiegħda, waħdi, bik quddiemi
warda kellimni, ħadd mhu qed jismagħna,
għidli min kien li ġiebek taħt għajnejja
u għażlek minn oħrajn, kbira u ħamrana.

Qiegħed narak tixxabbat hemm max-xifer
ta' vażett ċkejken illi tielgħa tielgħa
ġejja tistadli 'l fommi biex tisraqli
l-ewwel imħabba b'sengħa ta' ħalliela.

B'tiegħek imbexxaq, b'qatra nida fuqu
wasalt għal fuqu, tinża u tarmi riħa
għaxqa bla temma, donnok trid tnessini
ix-xewk li żammejt moħbi taħt il-fwieħa.

U b'riħtek iddaħħalni f'nagħsa ħelwa
li tgħib malajr; jekk trid, ingħid għalija
we'għdni li l-frugħa u l-frisk li għandek issa
ma jtiru qatt u jibqgħu jgħixu fija.

Ftit jiem se jgħaddu w għad, ja warda nerġa'
ħdejk għal darb'oħra, llum narak tissaqqa
bil-frisk ta' demmek, dakinhar għad nilmħek
bla gost u fwieħa, trab... ġisem imwaqqa'.

***Charles Coleiro*** *(Janus Miljard, Poeżiji)*

## ĦARSA MINN GĦAJN IL-LABRA

Dak l'għandi nagħmel irrid nagħmlu issa,
għax il-lum żgur u jisbaħx għada, ma nafx.
Hekk kien għallem u hekk kien Kristu wissa;
Tħobb 'l Alla l-ewwel u ħliefu ma tagħrafx.

Imbagħad lill-proxxmu tħobb bħalek innifsek,
b'ruħek, b'ġismek, b'moħħok u b'qalbek kollha.
Mingħajr ma tħalli 'l ħadd jipprova jirfsek,
iżżomm paċenzja w tagħder bla tinkorla.

Diffiċli tħobb l-aktar lil min jobogħdok
jew tagħmel ġid lil min deni jagħmillek.
Il-għira, l-flus, l-unuri, xejn ma jgħoddlok,
l-abbuż, id-droga, x-xorb taħrab jaqbillek.

Trid tofsoq minn ġo fik, lilek innifsek
teqred ksieħ imħabbtek u l-Ġuda f'bewsek.

***Nazzarenu Zerafa***
*Brisbane*